TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 477/10

**Maria Peresso**
**vs**
**Amal Group**

Illum 27 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' ħames mija u ħames ewro (€505), rappreżentanti prezz ta' *insect screens* illi rriżulta li wara li twaħħlu, tħalla spazju kbir bejn il-frame u l-ħajt.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda m'attendiex għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet ordnat *insect screen* mingħand is-soċjeta' intimata u meta dawn twaħħlu, kien hemm spazju kbir bejn il-*frame* u l-ħajt.

L-intimat issottometta illi x-xogħol sar skond is-sengħa u l-arti, u li sar skond l-istruzzjoni ta' l-istess rikorrenti.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet u spezzjona r-ritratti, jinnota illi r-rikorrenti għandha raġun fis-sottomissjonijiet tagħha u li x-xogħol ma sarx skond is-sengħa u l-arti u kien hemm diversi nuqqasijiet.

Kif ukoll, it-Tribunal jinnota illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba, kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ u msejjħa tliet darbiet, baqgħet ma dehritx għas-seduta, minkejja li ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas is-somma ta' mija u ħames ewro (€105), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888